**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2023**

**Rik. Gur. Nru: 169/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**SM**

**Vs**

**U b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2022, gew nominati Dr Victor Buegja u PL Gillian Muscat bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti MA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 4 ta' Awissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' April 2011 gewwa il-C, fl-E u li sussegwentement gie registrat Malta fid-29 ta' Lulju 2011 il-Belt Valletta, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u immarkat bhala 'Dokument A';*

2. *Illi mill-istess unjoni ma kellhomx tfal;*

3. *Illi ftit gimghat wara li gew Malta fl-2011 l-konvenut telaq mid-dar u sal-lum ghadu ma rritornax u l-indirizz tieghu mhuwiex maghruf;*

4. *Illi skont digriet minn din l-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Gunju 2022, il-medjazzjoni giet maghluqa u r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi (Dokument B);*

5. *Illi r-rikorrenti tixtieq titlob ix-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti;*

6. *Illi kontestwalment mat-talba ghad-divorzju qieghda titlob ix-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti. Illi bejn il-partijiet ma hemmx assi sabiex jiddividu.*

7. *Illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap 16 huma sodisfatti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrenti qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex skond dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni, joghgobha:*

*(i)* *Tiddikjara x-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti u li ma hemm xejn fl-istess kommunjoni tal-akkwisti stante r-ragunijiet premessi u ghalhekk ma hemmx divizjoni xi jsir.*

*(ii)* *Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh il-21 ta' April, 2011 fil-C l-E u li sussegwentement gie registrat Malta fid-29 ta' Lulju 2011, il-Belt Valletta mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; (Art. 66A(1), Kap 16;*

*(iii)* *Takkorda li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'SM';*

*(iv)* *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku (Art. 66A(4), Kap. 16);*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati datata a fol 20 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jirrispondu ulterjorment fi stadu iehor kemm – il darba jkun il-kaz.*

Rat illi Dr Victor Bugeja, Kuratur ghall-intimat iddikjara seduta stante illi ma kellux komunikazzjoni mal-intimat u ddikjara li ma kellhux provi x'jipproduci u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 100);

Rat in-Nota ta' Dr Karlsson illi permezz taghha ddikjarati illi hija ottemporat ruhha mal-Artikolu 66G(1) u 66G(2)(a) kif ukoll l-artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet nhar id-19 ta' Jannar 2023 (vide fol 25 et seq)*** u spjegat illi hi ghandha tifel minn relazzjoni predecenti u meta zzewget lill-intimat, binha kien qieghed l-iskola sekondarja u kellu madwar tlettax (13) – il sena. L-attrici tikkonferma illi hija zzewget lill-intimat nhar il-21 ta' April 2011 gewwa l-K. Tixhed illi meta iltaqghet mal-intimat, hi kienet *a single mother*, u kienet tqatta' l-granet taghha d-dar ma' binha, u unika konessjoni li kellha mad-dinja ta' barra kienet tramite l-kompjuter. Tispjega illi hi kienet tidhol f'diversi *chat rooms*, li kienu jindirizzaw religjonijiet differenti. Hi kienet tinteressa ruhha tisma' lil nies ohra jithadtu u filfatt hi kienet sempliciment tisma'. Illi kien propju f'dan ic-*chat room* li iltaqghet mal-intimat zewgha. Illi madwar sena wara li iltaqghu *online,* ilaqtghu fizikament. Illi qabel ma iltaqghu, l-intimat kien qieghed jaghmel insistenza biex jiltaqgha mal-attrici u mal-familja taghha u dan minkejja li l-attrici kienet qaltlu li tippreferi li jhallu ftit ohra zmien. Hu kien gharrafha illi qabel ma hu jigi Malta, kien jehtieg illi hi tmur pajjizu sabiex huwa jikseb xi forma ta' awtorizzazzjoni jew permess.

L-attrici tixhed illi filftat hi kienet ghamlet l-arrangamenti biex tmur il-K u filfatt damet hemm gurnata biss. Sakemm kienet qieghda hemm hi inghatat xi dokumenti x'tiffirma, izda peress li hi la titkellem, la taqra u wisq anqas tifhem il-lingwa Gharbija, kien minn

ghaliha illi kienet qieghda tiffirma xi dokumenti sabiex l-intimat jigi Malta. Illi l-intimat filfatt kien talabha il-passaport taghha. Tispjega illi kien hadha f'dan il-bini fejn ittiehdula l-*finger prints*. Illi sakemm kienet qieghda f'din il-kamra, l-attrici spjegat illi kienet infaqet tibki ghaliex ma kienitx qieghda tifhem x'kien qed jigri. Illi l-intimat zamm il-passaport taghha u telaq jigri minn din il-binja u halliha wahedha. Illi l-intimat irritorna lura wara diversi sieghat. Illi kien biss wara, li hija skopriet li sakemm kienu qieghdin hemmhekk kienu zzewwgu.

Tixhed illi l-intimat irritorna lura Malta maghha, izda ma qaghdx bilqeghda hdejha. Tispjega illi kienet iltaqghet ma' ommu u li din kienet qaltilha illi huma ma jitkelmux l-Ingliz. Illi eventwalment l-intimat kien qalilha illi huwa jrid jibqa' Malta u li jixtieq li jahdem Malta. L-attrici tirrileva illi hu kellu biss *"permission to visit."* L-attrici tikkonferma illi hi u l-intimat qatt ma ghexu bhala mizzewgin u kienet biss darba li rritorna lura d-dar ta' missierha u din id-darba kienet l-ahhar darba li rat lill-intimat. Tispjega illi kien baghtulha biex jigi jigbor il-basket tieghu, izda meta mar huwa beda jinsulta lill-attrici u anke kien fizikament vjolenti maghha u sahansitraipprova jiehu ic-cwievet tar-residenza. L-attrici xehdet illi kien imbuttaha ghal mal-art.

L-attrici tikkonferma ukoll illi meta hi zzewget ma kienitx qieghda tahdem izda kien hemm zmien fejn kienet tilqa' lill-istudenti f'darha. Tixhed illi fil-prezent hija ma tahdimx. Tispjega illi qatt ma xtrat propjeta waqt iz-zwieg u lanqas m'ghandha vettura. Izzid illi fil-prezent qieghda tirrisjedi ma' binha, peress li ma tistax taccedi ghad-dar ta' missierha.

***LS, iben l-attrici, xehed nhar id-19 ta' Jannar 2023 (vide fol 33 et seq)*** u spjega illi huwa ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena u li fil-prezent qieghed jahdem. Mistoqsi fuq iz-zwieg ta' ommu, ix-xhud jindika illi hu kellu bejn ghaxar (10) snin u tlettax (13)- il sena meta zzewget ommu. Jikkonferma illi hu kien prezenti meta l-intimat prova jaccedi id-dar ta' missier ommu u jixhed illi wara li kienu ilhom ma jarawh ghal granet shah, l-intimat tfacca f'din ir-residenza u beda jinsulta lill-ommu, u kien fizikament vjolenti ma' ommu. Jishaq illi l-intimat prova jiehu ic-cwievet tar-residenza izda ma rnexxilux. Malli telaq, huma cemplu lill-Pulizija. Izid illi dakinhar kienet l-ahhar darba li raw lill-intimat, ghajr darba wahda fejn l-intimat kien baghat messagg lill-attrici, fejn qalilha li issa qieghed ma' mara ohra, u kien insultaha bil-kelma *kerha*.

***Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-BOV xehdet nhar it-3 ta' Marzu 2023 (vide fol 81 et se)*** u spjegat illi nstabu zewg kontijiet fuq isem l-attrici**.**

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet nhar it-3 ta' Marzu 2023 (vide fol 83 et seq)*** u spjegat illi l-attrici ghandha zewg kontijiet li ghadhom miftuhin.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta Socjali xehed nhar it-3 ta' Marzu 2023 (vide fol 85 et seq)*** u spjega illi l-ahhar beneficcji li inghata l-attrici kien fis-sena 2014, b'dana illi dawna kienu twaqqfu peress li l-attrici ma kienitx qieghda ssarraf ic-cekkijiet mibghuta minnhom.

***Leslie Farrugia in rapprezentanza tal-Borza ta' Malta xehed nhar it-3 ta' Marzu (vide fol 88 et seq)*** u spjega illi ma jidhirx li l-attrici qatt kellha kont u investimenti.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal-APS Bank xehdet nhar it-3 ta'Marzu (vide fol 90 et seq)*** u spjegat illi ma rrizulta xejn fuq isem l-intimat, pero jidher illi kien hemm *profile* fil-passat fuq isem l-attrici pero ormai huwa maghluq.

***Louis Buhagiar in rapprezentanza tal-Jobs Plus, xehed nhar it-3 ta' Marzu 2023, (vide fol 92 et seq)*** u prezenta l-*employment history* tal-attrici u ikkonferma illi ma nstab l-ebda record fuq l-intimat.

***Daniel Azzopardi in rapprezentanza tal-BNF Bank Malta plc xehed nhar it-3 ta' Marzu 2023 (vide fol 94 et seq)*** u spjega illi ma rrizultaw l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Chris Spiteri in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar it-3 ta' Marzu 2023 (vide fol 96 et seq)*** u spjega illi mill-verifiki li saru, fil-prezent m'hemm l-ebda vettura registrata fuq isem l-attrici, u li fil-passat kellha biss vettura wahda rregistrata fuq isimha. Fir-rigward l-intimat, ma nstabu l-ebda vetturi registrati fuq dak l-isem.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persunimiżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, usakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġiflimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti: Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

….

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar il-21 ta' April 2011 gewwa l-K fl-E, b'dana illi z-zwieg imsemmi gie sussegwentement registrat Malta fid-29 ta' Lulju 2011, u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg *a fol 7* tal-atti. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx

tfal.

L-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'dawna l-proceduri ghad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta datat sitta (6) ta' Gunju 2022, b'dana illi hija kellha ukoll tikkonferma l-ittra bil-gurament. (vide Dok B, fol 8)

Il-Qorti tosserva illi l-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenut peress illi il-Kuraturi Deputati ma rrnexxilhomx jintraccaw lill-intimat u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw mieghu u jressqu xi provi.

Il-Qorti tosserva illi c-cirkostanzi li fih gie kontrattat dan iz-zwieg huma partikolari, stante li jidher li l-vulnerabbilita' tal-attrici giet sfruttata bl-ghan li l-intimat jipprova jikseb cittadinanza Maltija. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici jirrizulta illi minkejja li gie kontrattat zwieg bejn il-partijiet, qatt ma kien hajja konjugali bejnithom. Kif xehdet l-attrici, hija iltaqghet mal-intimat *online* f'*chat room*, u wara xi zmien ta' komunikazzjoni online, l-intimat kien qal lill-attrici li biex huwa jigi jzurha Malta jehtieg li hija l-ewwel tmur il-K sabiex l-intimat jinghata awtorizzazzjoni li jsiefer lejn l-Malta. Illi filfatt, l-attrici hekk ghamlet, u waqt li hi kienet minn ghaliha li qieghda tiffirma d-dokumentazzjoni relattiva ghas-safar tal-intimat, hija kienet qieghda effettivament tizzewweg lill-intimat minghajr ma kienet taf jew intebhet b'dan kollu.

Illi filfatt ghalkemm l-intimat gie lura Malta maghha fuq l-istess titjira, l-intimat lanqas biss pogga hdejha u wisq inqas kien hemm xi forma ta' komunikazzjoni. Illi mal-wasla taghhom f' Malta, l-intimat halla l-basket tieghu fir-residenza tal-attrici u telaq. Illi wara diversi granet, l-intimat talab lill-attrici jigi ghall-basket tieghu b'dana illi huwa prova jahtaf c-cwievet tar-residenza tal-attrici. Meta ma rnexxilux imbotta lill-attrici ma' l-art u telaq. Illi minn dakinhar 'l hawn l-attrici qatt ma regghget rat lill-intimat.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan iz-zwieg kien biss messa in xena da parti tal-intimat bl-ghan qarrieqi li huwa jipprova jikseb cittadinanza Maltija permess maz-zwieg tieghu mal-attrici, b'dana illi qatt ma kien hemm hajja konjugali bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet u lanqas m'hemm pendenzi ulterjuri ohra.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija moralment konvinta li jezistu r-rekwiziti necessarji indikati fl-artikolu 66B tal-Kap 16 sabiex jigi ordnat il-hall taz-zwieg tal-kontendenti.

Illi ghar-rigward l-ewwel talba (1) talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u t-tielet (3) talba fejn l-attrici qeghda titlob li tirriverti ghal kunjom xbibitha 'il-Qorti rat l-artikolu 66 D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li flimkien ma' l-istess talba ghad-divorzju, *'it-talbiet kollha illi huma mahsuba illi jistghu jsiru f'kawza ta'separazzjoni skond is-Sub Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-Qorti ghandha tisma u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-dispizizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis…"*

Illi l-Qorti rat ukoll l-artikolu 66 G (1) u l-artikolu 66 G (2) (a) u l-artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw is-segwenti:

> ***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti -(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju…***
>
> ***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jewb'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***

Il-Qorti tirrileva illi n-nota rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 giet prezentata u tinsab a fol 103 tal-process. Illi l-Qorti tirrileva illi in-nota giet pprezentata tardivament, stante li din in-nota giet intavolata nhar is-26 ta' Lulju 2023 u mhux sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża kif tezigi l-ligi, u dana wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq il-bzonn li jirregolaw ruhhom dwar dan.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat. Ma jistax ikun dubitat illi l-osservanzi tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawza u r-regolarita` taghha.

Illi pero l-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza ghandu jsir oggettivament. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta’ gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[1] u ta’ dak li xehdet l-attrici, din il-Qorti taghraf illi l-attrici hija indubjament konvinta minn dina d-decisjoni u cioe li jigi ordnat il-hall taz-zwieg li gie kontrattat mal-intimat.

Illi ghalhekk il-Qorti tirrileva illi fid-dawl ta’ dan kollu, u tal-fatt li it-tardivita’ tal-prezentata tan-noti in kwistjoni mhux sejra tintralcja b’xi mod il-process gudizzjarju odjern jew tohloq pregudizzju lill-partijiet, tali tardivita’ ***wahidha***[2] m’ghandhiex tkun ostaklu ghall-Qorti sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

*Il-Komunjoni tal-Akkwisti:*

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi in atti jirrizulta ghalkemm il-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet, ma hemm l-ebda assi in komunjoni. In *ogni caso* din il-Qorti jidhrilha illi kwalunkwe facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti minnhom qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun il-kont bankarju. Di piu’, kull proprjeta mobbli jew immobbli, qed tigi assenjata lill-persuna li fuqha hija registrata jew intestata tal- proprjeta.

---

[1] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

[2] Enfazi tal-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi**:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna illi kwalunkwe *bank account,* vettura jew proprjeta mobbli jew immobbli ohra tal-kontendenti jibqghu jappartjenu f'isem minn ikunu intestati jew registrati;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66A(1) tal-Kodiċi Ċivili, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1446/2011 u tiddikjara li l-intimat ddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici u ddekada di piu', mid-drittijiet konjugali kollha;**
3. **Tiddikjara li d-dar residenzjali tal-attrici hija proprjeta' parafernali u ergo l-intimat ma ghandu ebda dritt fuq l-istess proprjeta' li qed tigi assenjata pjenament lill-attrici;**
4. **Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe SM;**
5. **Tilqa' r-raba talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4) tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien ghaxart ijiem utili minn meta din is-sentenza ssir *res judicata.***

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tal-intimat izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**